MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 128/2003

It-Tribunal;

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Novembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbghin lira Maltija u zewg centezmi (Lm240.02), u b'degriet tat-22 ta' Marzu, 2004 l-ammont mitlub gie mibdul ghal tlett mija u erbgha u ghoxrin lira u sitta u tletin centezmu (Lm324.36), dovuti lill-attur ghad-danni fuq il-vettura proprjeta' tal-istess attur in konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Gunju, 2002, fi Triq Xmun, limiti Munxar, Ghawdex, bejn il-vettura tal-attur tal-marka Renault numru JVF-179 misjuqa minn Franklyn Farrugia u l-vettura tal-konvenuta Suzuki DEE-001 ghall-liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imperizja, negligenza u traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi l-konvenuta giet inutilment interpellata sabiex thallas. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji tad-19 u 25 ta' Settembru, 2003 lis-socjeta assiguratrici Elmo Insurance

Agency, ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Settembru, 2003, bl-imghax u bir-riserva ta’ kull dritt azzjoni skond il-Ligi.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-15 ta’ Dicembru, 2003, fejn gie eccepit:

Illi l-incident in kwistjoni gara tort u htija tal-istess Franklyn Farrugia li kien isuq il-vettura Renault JVF-179, kif jirrizulta ampjament mill-mod kif spiccaw l-istess vetturi.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda ta’ Joseph Farrugia, Franklyn Farrugia, PS 755 Frank Gauci, Joanne Spiteri, Adelina Bowker, George Galea. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fi triq Xmun, Xlendi, fl-4 ta’ Gunju, 2002, bejn il-vettura numru ta’ registrazzjoni JVF-179, proprjeta ta’ l-attur u misjuqa minn Franklyn Farrugia, u l-vettura numru ta’ registrazzjoni DEE-001 misjuqa mill-konvenuta. L-incident gara bil-lejl fil-11.45pm.

2. Mir-road accident report esebit l-attur jghid li kien: << tiela b’20/25kfs izda ftit maqlugh il-barra minhabba il-hajt li hemm temporanjament mibni f’nofs tat-triq>> meta kif spicca t-telgha sab ma’ wiccu lill-konvenuta gejja mid-direzzjoni opposta. Zamm brake pero’ kienu vicin wisq u sehhet il-kollizjoni. Il-konvenuta taqbel li kienet niezla fl-imsemmija triq, u kienet niezla bil-mod u fuq il-linja taghha, meta f’daqqa minn faccata diet vettura tal-attur, li tallega li kien tielgha bi speed eccessiv. Zammet brake, pero’ kienu qrib wisq u sejjet il-kollizjoni.

3. L-isketch a fol-16 juri li z-zewh vetturi kienu pjuttost ghaddejjin lejn il-<<crown of the road>>, u ma kienux qed jissikkaw mal-hajt tan-naha taghhom.

4. Jigi rilevat li hemm t-telgha hija piuttost ripida, u t-triq ma hiex wiesgha hafna, jghaddu zewg karozzi, pero apparti minn dan jirrizulta li fi zmien tal-incident kien hemm kostruzzjoni temporanja fit-triq. Din ik-kostruzzjoni taghti lok ghall- interpretazzjoni dwar jekk il-vejikolu tal-attur kienx sporgut il-barra, anzi kien addirittura fuq in-naha l-ohra att-triq. It-tribunal jikkunsidra li dik il-parti fejn hemm il-fetha, cioe' fejn sehher il-kollizzjoni, turi bic-car li l-attur kien ma kienx qed kissikka mal-genb tieghu. Pero it-tribunal jikkunsidra it-triq fit-totalita taghha, u cioe sija dik il-parti precedenti ghall-fen hemm indikat <<stairway>> fl-isketch, kif ukoll dik il-parti fejn hemm it-<<temporary boundary wall>, din ta' l-ahhar turi li t-triq hija idjaq mill-parti precedenti.

5. Ghalhekk l-attur li fic-cirkostanzi partikolari, kien ghaddej ghal nofs it-triq minn fejn kienet gejja l-konvenuta, u kien tielgha, kellu jezercita d-debita diligenza, jara xi traffiku kien gej minn fuq, u kemm jista jkun ma jersqx lejn in-nofs. Il-konvenuta wkoll kellha tapplika d-debita diligenza, ghaliex ghalkemm jista' jigi argumentat li kienet ghaddejja partikolari tal-lokal, u hi wkoll kellha allura izzomm kemm jista jkun mal-genb taghha, ghaliex minn fejn kienet gejja hi, kellha thalli spazju biex tghaddi karozza ohra. Ghalkemm idealment, wiehed kellu icedi sakemm jghaddi l-iehor, u jekk xi hadh kellu icedi, kienet il-persuna li qieghda ghan-nizla.

6. It-Tribunal jikkunsidra li tenut kont tal-fatturi partikolari tal-lokal, kien jispetta liz-zewg sewwieq li jsuqu bl-akbar prudenza. Il-fatt li t-tnejn inhasdu meta raw lill-xulxin, u meta kienu bqrib hafna ta' xulxin, juri biss in-nuqqas ta' attenzjoni li t-tnejn li huma kienu qed jaghtu ghat-traffiku gej mill-faccata. Ghalhekk it-tnejn huma resposnabbli ghall-kollizzjoni li sehhet f'sehem indaqs.

7. Id-danni jirrizultaw ippruvati fl-ammont ta' tlett mija erbgha u ghoxrin lira maltija u sitta u tletin centezmu. Ghalhekk il- konvenuta ghandha thallas lill-attur nofs dan l-ammont cioe' is-somma ta' mija u tnejn u sittin lira u tmintax-il centezmu (Lm162.18).

Ghaldaqsant it-Tribunal filwaqt li isib liz-zewg sewwieqa responsabbli fi grad ugwali ghall-kollizzjoni li sehhet, jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ mija u tnejn u sittin lira u tmintax-il centezmu (162.18), bl-imghax legali dekoribbli mill-lum, salv u impregudikat kull fritt tal-konvenuta ghall-ispejjez minnha sofferti.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------